

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Hoge Raad der Nederlanden (il-Pajjiżi l-Baxxi) fit-23 ta' April 2019 — X vs Staatssecretaris van Financiën

(Kawża C-331/19)

(2019/C 255/27)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

Qorti tar-rinviju

Hoge Raad der Nederlanden

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Staatssecretaris van Financiën

Konvenut: X

Domandi preliminari

- 1) Il-kunċett ta' prodotti tal-ikel iddestinati għall-konsum mill-bniedem, użat fil-punt 1 tal-Anness III tad-Direttiva tal-VAT tal-2006⁽¹⁾ għandu jiġi interpretat fis-sens li jirreferi għal kull sustanza jew prodott, sew jekk ipproċessat, parżjalment ipproċessat jew mhux ipproċessat, intiż sabiex, jew raġonevolment mistenni li, jittiekel mill-bniedem, konformement mal-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002⁽²⁾ tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-principi ġenerali u l-htigġiġiet tal-liġi dwar l-ikel?

Jekk din id-domanda tingħata risposta fin-negattiv, kif għandu jiġi interpretat dan il-kunċett?

- 2) Jekk prodotti li jistgħu jittieku jew li jistgħu jinxtorbu ma jistgħux jitqiesu bħala prodotti tal-ikel iddestinati għall-konsum mill-bniedem, abbażi ta' liema kriterji għandu jiġi evalwat jekk dawn il-prodotti jistgħux jitqiesu bħala prodotti li normalment huma intiżi sabiex jissupplimentaw jew jissostitwixxu prodotti tal-ikel?

(¹) Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU 2006, L 347, p. 1, rettifika fil-ĠU 2007, L 335, p. 60).

(²) Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-principi ġenerali u l-htigġiġiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà ta' l-ikel (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 6, p. 463, rettifikasi fil-ĠU 2016, L 227, p. 5, u fil-ĠU 2014, L 327, p. 9).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Înalta Curte de Casatié si Justiġtie (ir-Rumanija) fil-25 ta' April 2019 — SC Romenergo SA, Aris Capital SA vs Autoritatea de Supraveghere Financiară

(Kawża C-339/19)

(2019/C 255/28)

Lingwa tal-kawża: ir-Rumen

Qorti tar-rinviju

Înalta Curte de Casatié si Justiġtie

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: SC Romenergo SA, Aris Capital SA